1 ta' Ġunju, 1984

Imħallfin:-

Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. - Aġent

**President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Emilia *sive* Millie Despott xebba

*versus*

Anthony Farrugia u għall-interess li jista' jkollu Emmanuel Cutajar

**Mandat - Mandatarju - Obbligi ta' - Prokura - Artikoli 1873, 1874, 1888 tal-Kodiċi Ċivili - Prinċipju illi *Qui Sua Culpa Damnum Sentit, Non Videtur Damnum Sentire***

*L-attriċi aġixxiet biex tannulla kuntratt li ġie ikkuntrattat mill-prokuratur tagħha f'isimha għaliex allegat illi kienet tatu prokura li ma jesegwixxi ebda prokura mingħajr ma jikkonsultaha. Il-meritu kien jirrigwarda tpartit ta' kreditu li kellha l-mandanti tal-konvenut Farrugia kontra l-akkwista minnu f'isimha dritt ta' avvjament u inkwilinat ta' ħanut u vettura u ekwiparazzjoni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu ċaħdet it-talbiet attriċi għaliex* inter alia *jekk l-attriċi ma ħaditx il-prekawzjonijiet rikjesti fiż-żmien propizju, ma tistax tgħid li qed tbati intortament.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija kienet tat prokura lill-konvenut fil-21 ta' Marzu, 1975, bil-kondizzjoni espressa li ma jagħmel ebda operazzjoni jekk qabel ma jikkonsultahiex, u premess illi kontra l-volontà tagħha u *ad insaputa* ta' l-istess attriċi l-konvenut Farrugia, b'att tan-Nutar

Joseph Agius tal-31 ta' Marzu, 1975, assenja u ttrasferixxa b'titolu ta' tpartit lil Emanuel Cutajar il-kreditu ta' Lm2927 li l-istess attriċi kellha kontra Carmel Fenech, kreditu inskritt għal privileġġ fil-Vol. I numru 8502/73 in kontra kambju (1) tad-dritt ta' l-avvjament u l-inkwilinat tal-ħanut 52, Triq Mrabat, tas-Sliema, u (2) motor Car Taunus numru 40269; u premess illi l-esponenti hija paralizzata u kwindi la tista' tmexxi ħanut u lanqas issuq karozza; premess li l-konvenut, b'att ta' konvenju tal-31 ta' Marzu, 1975, ipprometta u obbliga ruħu li jbiegħ lill-istess imsemmi Emanuel Cutajar kwint (1/5) indiviż tas-7 garaxxijiet fi Triq Milner, tas-Sliema, kantuniera ma' Triq Luzio, u ma' Triq Howard, bla numru u jmissu ma' xulxin min-nofsinhar ma' Triq Milner, mil-Lvant ma' Triq Luzio u mill-punent ma' Triq Howard, bil-prezz ta' Lm900; u premess illi l-konvenut Anthony Farrugia ġie b'hekk li oltrepassa l-fakoltajiet li tatu l-istess attriċi, talbet li din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija, tiddikjara nulli u bla effett legali l-kuntratt imsemmi fl-atti tan-Nutar Joseph Agius tal-31 ta' Marzu, 1975, kif ukoll tal-konvenju ta' l-istess data, kuntrattati mal-konvenut Anthony Farrugia; bl-ispejjeż, flimkien ma' dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' April, 1975, u tal-protest tal-25 ta' April, 1975, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Farrugia li eċċepixxa li l-allegazzjonijiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Cutajar, li eċċepixxa illi d-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa dejjem aġixxa *in buona fede* u l-ftehim u l-kuntratt sar mal-prokuratur ta' l-istess attriċi, liema prokuratur kellu l-awtorità inkondizzjonata li jaġixxi għan-nom tagħha;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-13 ta' Ġunju, 1979, li permezz tagħha, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi in kwantu din it-talba tirriferixxi għall-konvenju tal-31 ta' Marzu, 1975, billi l-meritu f'dak ir-rigward kien ġie eżawriet, ċaħdet it-talba ta' l-istess attriċi in kwantu din tirriferixxi għad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt imsemmi tal-31 ta' Marzu, 1975, fl-atti tan-Nutar Joseph Agius, bl-ispejjeż kontra l-attriċi, wara li kkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mill-provi, fil-11 ta' Marzu, 1975, l-attriċi innominat lill-konvenut Anthony Farrugia bħala prokuratur ġenerali tagħha. Il-prokura saret permezz tan-Nutar Joseph Agius li, kif jgħid hu a fol. 18, ta formola stampata tal-prokura lill-attriċi, bl-Ingliż, kif riditha hi, u huwa spjegalha waqt li kienet qiegħda taqraha. L-istess Nutar jgħid ukoll li lill-attriċi qalilha li b'dik il-prokura l-konvenut kien ser ikun fi stat li jagħmel kollox f'isimha, ħlief donazzjoni jew self. Fil-kliem tan-Nutar Agius, l-attriċi ffirmat dik il-prokura bla ma għamlet l-ebda oġġezzjoni jew limitazzjoni;

In segwitu, in forza ta' l-imsemmija prokura, il-konvenut Anthony Farrugia, b'kuntratt tal-31 ta' Marzu, 1975, fl-atti tan-Nutar Joseph Agius (fol. 30), assenja lill-konvenut l-ieħor, b'titolu ta' tpartit, il-kreditu ta' Lm2927 mill-kreditu ta' Lm3,527 li l-attriċi kellha kontra ċertu Carmel Fenech, u in kontrakambju u bl-istess titolu ta' tpartit, il-konvenut Emanuel Cutajar assenja lill-konvenut Anthony Farrugia *nomine*, id-dritt ta' l-avvjament u ta' l-inkwilinat tal-ħanut tas-Sliema, Triq Mrabat, numru 52, kantuniera ma' Triq Camenzuli u l-karozza Ford Taunus bin-numru ta' reġistrazzjoni 4269, bil-valur ta' Lm2,827, u fuq l-istess att l-imsemmi konvenut Anthony Farrugia *nomine* ddikjara li kien qiegħed jirċievi mingħand il-konvenut l-ieħor Cutajar, is-somma ta' Lm100 differenza bejn l-imsemmija valuri. Biċ-ċitazzjoni odjerna l-attriċi, apparti minn dak li għad jintqal iktar 'il quddiem dwar il-konvenju tal-31 ta'

Marzu, 1975, qiegħda titlob li jiġi ddikjarat null u bla effetti legali l-imsemmi kuntratt tal-31 ta' Marzu, 1975, u dan peress li dan sar kontra l-volontà tagħha u *ad insaputa* tagħha, u peress li hija pparalizzata u kwindi la tista' tmexxi ħanut u lanqas issuq karozza;

Dwar dan l-aħħar motiv ta' l-attriċi, il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-fatt li l-attriċi hija paralizzata mhu l-ebda mod inkonsistenti mal-fatt l-ieħor li jkollha f'isimha avvjament u dritt ta' inkwilinat ta' ħanut jew karozza. M'hemmx bżonn ta' immaġinazzjoni fertili ħafna biex wieħed jifhem li l-ħanut jista' jitmexxa minn ħaddieħor f'isem u fl-interess ta' l-attriċi u l-karozza tista' tinsaq minn ħaddieħor għall-bżonnijiet ta' l-attriċi;

Dwar dak li tgħid l-attriċi li l-kuntratt in eżami sar kontra l-volontà tagħha u *ad insaputa* tagħha, kulma jirriżulta b'mod ċar mill-provi hu li l-konvenut Anthony Farrugia, bis-saħħa ta' l-imsemmija prokura kien awtorizzat jagħmel dak li għamel. Infatti, fit-termini ta' l-artikolu 1966 tal-Kodiċi Ċivili, il-mandatarju huwa prekluż milli jagħmel dak biss li joħroġ mil-limiti tal-mandat. Veru li fix-xhieda tagħha (fol. 16), l-attriċi tgħid li fl-okkażjoni meta saret il-prokura lin-Nutar Agius, qaltlu li hija riedet li bla permess tagħha l-prokuratur ma seta' jagħmel xejn, u l-istess ħaġa jgħid sostanzjalment ix-xhud Carmelo Calleja (fol. 25), li kien preżenti ukoll;

F'dan ir-rigward, però, dawn it-tnejn huma kontradetti min-Nutar Agius, li kif ġà rrilevat, kien kategoriku fix-xhieda tiegħu meta qal li wara li ta l-prokura lill-attriċi biex taqraha, wara li spjegalha l-kontenut tagħha u żied jgħidilha li b'dik il-prokura Anthony Farrugia kien se jkun fi stat li jagħmel kollox f'isimha, ħlief self u donazzjoni, l-attriċi ffirmat il-prokura bla ma llimitat bl-ebda mod il-poteri mogħtija bl-istess prokura;

Kontra dak li jirriżulta mill-prova bil-miktub, għalhekk, ma teżisti l-ebda prova ċara u inekwivoka. Hemm biss dak li tgħid l-attriċi u l-imsemmi Carmel Calleja kontra dak li jirriżulta min-Nutar u dak li jgħid il-konvenut Farrugia, fix-xhieda tiegħu ta' l-1 ta' Marzu, 1979, u jekk il-Qorti jista' jkollha xi dubbji dwar il-veraċità ta' dak li jgħid dan il-konvenut, għax huwa parti interessata, ma għandha l-ebda raġun tiddubita minn dak li jgħid in-Nutar;

Sakemm għandu x'jaqsam il-konvenut Farrugia, għalhekk, il-fatti li jirriżultaw mill-proċess huma li l-kuntratt tal-31 ta' Marzu, 1975, ma kienx joħroġ mil-limiti tal-prokura mogħtija lilu mill-attriċi, liema prokura tidher li qatt ma kienet ġiet irrevokata qabel l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Novembru, 1975 (fol. 30). Il-Qorti ċertament ma hija qiegħda bl-ebda mod tgħid li dak li għamel dan il-konvenut kien fl-aħjar interessi ta' l-attriċi, iżda r-rimedju li kellha l-attriċi ma kienx ovvjament iċ-ċitazzjoni odjerna, imma dak previst fl-artikolu 1976 tal-Kodiċi Ċivili jekk jidhrilha li l-għemil tal-mandatarju kien doluż jew kolpuż;

Dwar il-konvenut Emanuel Cutajar, mix-xhieda tan-Nutar Agius, jirriżulta li qabel ma sar il-kuntratt dan staqsa lin-Nutar jekk Farrugia kellux awtorità jagħmel dak il-kuntratt u n-Nutar assigurah li kellu. Min-naħa ta' dan il-konvenut minn imkien ma tirriżulta xi mala fede. Kif jgħid hu, infatti, bla ma ġie kontradett, għal dan in-negozju kien Farrugia li fittex lilu, u mhux *vice versa*, u sa ċertu żmien kien min għalih li qiegħed jittratta ma' Farrugia personalment. Meta sar jaf li Farrugia kien qiegħed jidher f'isem l-attriċi, staqsa lin-Nutar jekk dan setax isir, u n-Nutar qallu li l-kuntratt kien jista' jsir għax il-prokura kien għamilha hu stess. Lin-Nutar qallu ukoll li huwa qatt ma għamel negozji bil-prokura u għalhekk qallu biex jieħu ħsieb jagħmel ir-riċerki sewwa u jagħmel dak li hemm bżonn għax ma riedx inkwiet. Jgħid ukoll, dan il-konvenut, li l-mitt lira ta' l-ekwiparazzjoni ħallasha lill-konvenut Farrugia fuq il-kuntratt

permezz ta' *cheque* u mal-kuntratt lill-istess Farrugia tah iċ-ċwievet tal-ħanut u tal-karozza li kienet (u apparentement għadha) fil-*Jeep Garage*, fejn kienet tinsab għal xi tiswijiet;

Illi għalhekk, salva kull azzjoni oħra li tista' tkun tikkompeti lill-attriċi skond il-liġi, fil-konfront tal-konvenut Anthony Farrugia, l-azzjoni preżenti għad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-imsemmi kuntratt tal-31 ta' Marzu, 1975, għar-raġunijiet esposti mill-attriċi, ma tistax treġi;

Għal dak li huwa l-konvenju tal-31 ta' Marzu, 1975, illum jidher li in vista ta' dak li jirriżulta mill-verbal tal-11 ta' Mejju, 1979, ma hemm lok għal ebda provvediment billi dan il-konvenju ilu żmien li skada bla ma saru l-ebda proċeduri mill-ebda parti għall-esekuzzjoni tiegħu;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attriċi li biha talbet il-modifikazzjoni tas-sentenza msemmija mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-sens li din tiġi kkonfermata in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi riferibbilment għall-konvenju tal-31 ta' Marzu, 1975 u tiġi rrevokata in kwantu ċaħdet it-talba attriċi riferibbilment għad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt imsemmi tal-31 ta' Marzu, 1975, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat Emanuel Cutajar, li biha qal illi l-petizzjoni ta' l-appell hija nulla għaliex mhix konformi mar-rekwiżiti tal-liġi (artikolu 142, Kap. 15); u fil-meritu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma;

Rat illi l-konvenut appellat l-ieħor, Anthony Farrugia, baqa' ma għamilx ebda risposta;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet; u

Ikkunsidrat:

Illi, dwar l-ewwel parti tar-risposta tal-konvenut Emanuel Cutajar, il-partijiet rilevanti ta' l-artikolu li fuqha hija bbażata huma s-subartikoli (2), (3) u (4) li jgħidu hekk:

"(2) Il-petizzjoni għat-tibdil tas-sentenza għandha tfisser, wieħed wieħed għalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom, u, fl-egħluq tagħha, għandu jingħad, speċifikatament u mhux b'riferenza, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap;

(3) In-nuqqas ta' tħaris ta' dak li hu meħtieġ skond is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, ma jagħmilx nulla l-petizzjoni; iżda, f'kull każ bħal dan, il-Qorti tordna b'digriet lill-appellant biex jippreżenta, fi żmien jumejn, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa mil-liġi u li ma jkunux inġiebu regolarment fil-petizzjoni;

(4) L-ispejjeż tad-digriet u tal-preżentata tan-nota jbatihom l-appellant";

Illi huwa veru li dwar il-kap tas-sentenza fejn l-appellanti talbet ir-revoka tiegħu kien ikun aktar feliċi li kieku, apparti r-revoka ta' l-istess kap, din talbet ukoll li minflok tiġi milqugħa t-talba rilevanti tagħha. Iżda minn eżami tal-petizzjoni din ma jidhirx li toffendi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 142 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, invokat mill-konvenut appellat; u, fi kwalunkwe każ, xi nuqqas f'dan ir-rigward ma kienx iġib għan-nullità tal-petizzjoni, kif jgħid espressament is-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu. Il-Qorti però ma tarax ebda neċessità li ssir xi addizzjoni għall-petizzjoni; u f'dan is-sens tiddisponi

minn din il-parti tar-risposta tal-konvenut appellat Emanuel Cutajar;

Ikkunsidrat fil-meritu:

Illi t-talba ta' l-attriċi appellanti, kif dedotta fiċ-ċitazzjoni hija dupliċi, u ċjoè li jiġu ddikjarati nulli u bla effett legali: (1) il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Agius tal-31 ta' Marzu, 1975, hawn fuq imsemmi, u (2) il-konvenju redatt mill-istess Nutar u fl-istess ġurnata, hawn fuq ukoll imsemmi - it-tnejn kuntratti bejn il-konvenut Anthony Farrugia (bħala mandatarju ta' l-attriċi) min-naħa l-waħda u l-konvenut l-ieħor Emanuel Cutajar, min-naħa l-oħra;

Kif jidher ukoll mill-istess att taċ-ċitazzjoni l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha fuq ir-raġuni li l-konvenut Farrugia oltrepassa l-fakoltajiet li hija kienet tatu meta ħatritu bħala mandatarju tagħha, u dana għaliex hija kienet tatu l-prokura tal-21 ta' Marzu, 1975 (*recte* 11 ta' Marzu, 1975), kienet għamlet hekk "bil-kondizzjoni espressa li ma jagħmel ebda operazzjoni jekk qabel ma jikkonsultahiex", u fil-fatt iż-żewġ kuntratti *de quo* għamilhom *ad insaputa* tagħha;

Issa, dwar il-konvenju in kwistjoni, li permezz tiegħu l-konvenut Farrugia, naturalment bħala mandatarju ta' l-attriċi, kien obbliga ruħu li jbiegħ lill-konvenut l-ieħor aċċettanti kwint indiviż ta' seba' garaxxijiet bla numru, sitwati fi Triq Milner, tas-Sliema, bil-prezz ta' Lm900, dan ma kienx ġie attwalment esegwit bil-kuntratt tat-trasferiment definittiv, u m'hemmx kuntrast li billi ż-żmien stipulat għall-esekuzzjoni tiegħu skada bla ma ttieħdu l-miżuri legali għall-esekuzzjoni tiegħu, illum ma jistax jiġi esegwit. Għalhekk għamlet tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-attriċi kwantu riferibbli għall-imsemmi konvenju;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel parti tad-domanda attriċi:

Illi, b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Joseph Agius, fil-31 ta' Marzu, 1975 (li kopja uffiċjali tiegħu tinsab esebita a fol. 30/31 tal-proċess), il-konvenut Anthony Farrugia, għan-nom ta' l-attriċi appellanti, assenja u ttrasferixxa b'titolu ta' tpartit lill-konvenut l-ieħor Emanuel Cutajar, li bl-istess titolu aċċetta u akkwista l-kreditu ta' Lm2927 mill-kreditu ta' Lm3527 li l-istess attriċi Emilia Despott kellha kontra ċertu Carmel Fenech, riżultanti minn kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Maurice Gambin, fil-5 ta' Novembru, 1973, liema kreditu kien jinsab inskritt għal privileġġ speċjali fir-Reġistru Pubbliku fil-Volum I, numru 8502, tas-sena 1973, u dana bil-valur ta' Lm2927.00c0. In kontro-kambju u bl-istess titolu, l-imsemmi Cutajar ittrasferixxa lill-imsemmi Farrugia, fil-kwalità tiegħu premessa, aċċettanti, id-dritt ta' l-avvjament u ta' l-inkwilinat tal-ħanut tas-Sliema, Triq Mrabat, numru 52, kantuniera ma' Triq Camenzuli u l-karozza tal-marka Ford Taunus, numru tal-liċenzja 4269, bil-valur komplessiv ta' Lm2827.00,0 u Lm100.00c bħala ekwiparazzjoni li ġiet imħallsa lill-konvenut Farrugia *nomine* fuq l-istess kuntratt;

Issa, il-konvenut Farrugia għamel l-operazzjoni fuq imsemmija bħala mandatarju ta' l-attriċi appellanti bis-saħħa tal-prokura li kienet għamlitlu, hawn fuq imsemmija. Għalhekk jenħtieġ jiġi eżaminat jekk l-istess Farrugia aġixxix fil-limiti tal-mandat lilu kkonferit mill-attriċi, jew inkella oltrepassax dak il-limitu. Mill-kopja tal-prokura esebita mill-attriċi (dok. A fol. 29 tal-proċess), jirriżulta li hija kienet, fost l-oħrajn, awtorizzat lill-mandatarju tagħha (i.e. il-konvenut Farrugia) "*to effect any transfer (sale, barter or exchange, long-lease, datio in solutum), of movable and immovable property belonging to me for such sale price or equivalent and under those terms and conditions which my said attorney may deem proper*" (klawsola 5 tal-prokura). Fuq l-istess prokura l-attriċi kienet intrabtet ukoll "*to*

*approve, ratify and confirm whatsoever said attorney shall lawfully do or cause to be done in the premises*";

Mill-premess jitnissel mingħajr l-iċken dubbju, almenu safejn għandu x'jaqsam il-konvenut Emanuel Cutajar, li kkuntratta ma' l-imsemmi Farrugia, illi dan ta' l-aħħar kien qiegħed jaġixxi fil-limiti tal-mandat lilu kkonferit mill-attriċi appellanti. Mill-iskrittura li permezz tagħha saret il-prokura mill-attriċi appellanti favur l-imsemmi Farrugia ma tirriżulta ebda kwalifika jew limitazzjoni (kif tippretendi l-attriċi, u kif se jingħad aktar 'l isfel), u ma kienx raġonevolment mistenni minn Cutajar li dan jiċċekkja jekk kienx hemm xi restrizzjoni mposta fuq il-mandatarju ta' l-attriċi, għalkemm dan kien ultra prudenti meta aċċerta ruħu man-Nutar li ppubblika l-att li Farrugia seta' jagħmel dak li fil-fatt għamel. Kull ma kellu jagħmel Cutajar kien li jara li Farrugia kien awtorizzat b'mod espress (u mhux taċitu) li seta' jittrasferixxi beni, kif rikjest mill-artikolu 1965 tal-Kodiċi Ċivili; infatti dan l-artikolu jipprovdi li "is-setgħa sabiex isiru trasferimenti ta' beni ... jew sabiex isiru attijiet oħra ta' proprjetà għandha tkun espressa". Inoltre, ma ġiet ippruvata ebda *mala fede* da parti ta' l-imsemmi Cutajar. Issa, ġaladarba ma jirriżultax li dan Cutajar kien jaf bir-restrizzjoni pretiża mill-attriċi fuq is-setgħa li kienet tat lill-mandatarju tagħha u anke kieku, għall-grazzja ta' l-argument kellu jiġi aċċettat li dik ir-restrizzjoni kienet saret, din ma taffettwax lill-konvenut Cutajar, peress li ma kinitx imniżżla fuq l-iskrittura inkorporanti l-prokura; illum mhuwiex leċitu għall-attriċi li tiġi 'l quddiem u timpunja l-operat tal-mandatarju tagħha fil-konfront tat-terzi li magħhom ikun ikkuntratta. Kieku dan kellu jiġi ammess, ma kien ikun konsiljabbli kważi qatt li xi ħadd jikkuntratta ma' xi ħadd li jkun mandatarju flok mal-mandanti tiegħu direttament, anke minħabba l-abbużi li jistgħu jsiru, mentri huwa presumibbli li l-mandatarju jkun persuna ben vista mill-mandanti tiegħu u li tkun tgawdi l-fiduċja tiegħu. Jekk l-attriċi ma ħaditx il-prekawzjonijiet rikjesti fiż-żmien propizju, illum

ma' għandux ibati l-konvenut Cutajar (li aġixxa *in bona fede*), u fil-konfront ta' dana l-attriċi ma tistax tgħid li qed tbati intortament in bażi għall-prinċipju *qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnum sentire*;

L-attriċi appellanti tallega li hija kienet imponiet restrizzjoni fuq il-mandatarju tagħha, u ċjoè li dan ma kellu jagħmel ebda operazzjoni jekk qabel ma jikkonsultahiex. Issa, apparti l-fatt li din ir-restrizzjoni hekk ġenerika tmur kontra l-ispirtu ta' l-istess mandat li tat lill-konvenut Farrugia, jekk se mai verament saret, ma taffettwax lill-konvenut l-ieħor u se mai tista' tagħti lok għal azzjoni ta' rigress kontra l-istess konvenut Farrugia li ċertament mhix dik però tentata biċ-ċitazzjoni odjerna. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti l-azzjoni li tista' tkun kompetenti lill-attriċi appellanti hija dik ikkontemplata fl-artikolu 1976 tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla għemil doluż da parti tal-mandatarju jew negliġenza da parti tiegħu fl-esekuzzjoni tal-mandat;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-appellat Emanuel Cutajar dwar in-nullità tal-petizzjoni ta' l-appell, bl-ispejjeż relattivi kontra tiegħu; u billi tiċħad l-appell in kwantu l-appellanti talbet li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talba tagħha riferibbilment għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-kuntratt imsemmi tal-31 ta' Marzu, 1975, u b'dan il-mod tikkonferma in toto s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza (ħlief dawk hawn fuq deċiżi), jitħallsu mill-appellanti.

---